MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 468/2003

Kawza fil-lista: 22

**AB**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fl-14 ta' Gunju 1987, minn liema zwieg twieldu zewg tfal, il-minuri Carina u Kimberley ta' 14 u 11 -il sena rispettivament; u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti tkissret irrimedjabilment minhabba inkompatibilita' ta'

karattru u minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u cioe' li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-attur; u

Premess illi l-partijiet gew awtorizzati mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti u jixtieq jitlob separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta; u

Premess illi l-partijiet kontendenti ilhom *de facto* separati ghal aktar minn sena;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta b'mod partikolari illi rrendiet ruhha hatja ta' theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-attur, u anke minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tordna lill-attur jinghata dritt ta' access liberu u ampju fil-konfront ta' uliedu minuri, u cioe' Carina u Kimberley, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa u opportuni.

3. Tapplika favur l-attur in kwantu applikabbli ghalih l-effetti tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. TikkundC lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni parafernali kollha tieghu u tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

7. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi hija ma topponix ghas-separazzjoni minn ma zewgha b'dana pero' illi din il-Qorti tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli ghal ragunijiet imputabbli lill-attur;

Illi fil-fatt l-esponenti u uliedha huma vittmi ta' vjolenza u theddid kontinwu mill-attur kif jigi ppruvat f'din il-kawza;

Illi inoltre l-attur huwa llum hati ukoll ta' adulterju stante illi illum jghix ma' mara ohra;

Illi inoltre l-attur qed jonqos illi jmantni lill-esponenti u lill-uliedha u dan minkejja illi huwa jahdem u ghandu n-negozju tieghu u ghandu introjtu tajjeb minn dan in-negozju;

Illi l-esponenti ma toggezzjonax illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tigi xjolta b'dana pero' illi lill-attrici tigi assenjata porzjoni mill-istess li tippermettilha tghix tajjeb flimkien ma' uliedha li taghhom ghandha tigi afdata l-kura u l-kustodja ad eskluzjoni tal-attur;
Illi inoltre din il-Qorti ghandha tiffissa manteniment adegwat ghall-esponenti u uliedha.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti minnu debitament mahluf[1];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**[A] Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta; kif ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Huwa qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg rizultat ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru, kif ukoll minhabba theddid u ingurja gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu.

Il-konvenuta minn naha taghha ma topponix ghas-separazzjoni personali minn ma zewgha, kif ukoll li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, izda teccepixxi li dan huwa dovut unikament ghal komportament abbusiv da parti ta’ l-attur fil-konfront taghha, konsistenti f’ atti ta’ vjolenza u theddid kontinwu, adulterju u nuqqas da parti tieghu li jmantni lill-konvenuta u lil uliedhom.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet zzewwgu fl-14 ta’ Gunju 1987 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal Carina u Kimberly li llum ghandhom 18 u 13 il-sena rispettivament.

Jirrizulta wkoll pacifiku li mill-bidu z-zwieg tal-partijiet kien karatterizzat bi glied kontinwu u aspru, tant li fis-sena 1996 il-partijiet sseparaw de facto, u wara digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, l-attur kien kostrett li jallontana ruhu mid-dar konjugali, filwaqt li l-konvenuta flimkien maz-zewg uliedhom baqghu joqghod hemm.

[1] Fol.185 *et seq.*

Iz-zewg partijiet taw versjonijiet kontrastanti dwar ir-ragunijiet tal-litigji taghhom li wassluhom ghas-separazzjoni.

L-attur jakkuza lil mara tieghu li dina kienet traskurat lilu u lil uliedu, kif ukoll li kienet biddlet ir-religjon taghha, liema fattur, skond hu, kien il-kagun principali tal-inkwiet ta' bejniethom. Izda l-provi juru l-kuntrarju, fis-sens li ghalkemm il-konvenuta tammetti li kienet biddlet ir-religjon taghha, kienet hi li kienet u ghadha tiehu hsieb trabbi lil uliedhom.

Huwa jakkuza wkoll lil martu li llum il-gurnata dina ghandha relazzjonijiet ma' rgiel ohra u qeda ddahhal ragel barrani fid-dar matrimonjali fejn ghadha tirrisjedi. Jigi rilevat li l-attur ma gab ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu nuda u kruda; u inoltre, il-provi juru li l-konvenuta baqghet fid-dar matrimonjali trabbi t-tfal. Il-Qorti ghandha ragun tissuspetta li din l-allegazzjoni inveritiera da parti ta' l-attur tirrapprezenta tentattiv fjakk sabiex dan jigi ezentat milli jmanti lill-konvenuta. Di fatti fl-istess paragrafu jkompli jghid li dina taghmel xoghol ta' hairdresser mid-dar u ghandha diversi klijenti regolari u fissi – allegazzjoni ohra li fit-termini taghha giet michuda kategorikament mill-konvenuta.

Il-konvenuta minn naha taghha tghid li l-attur ghandhu karattru dominanti u aggressiv, u okkazzjonalment kien vjolenti maghha u kien sawwatha. Izda dwar l-allegazzjoni ta' vjolenza u swat ma ngiebu ebda prova.

Hija tghid li l-attur kien jumiljaha quddiem in-nies u kien juri disrispett lejha. Tghid ukoll li hu ghandhu l-vizzju tal-loghob taz-zwiemel u kien jahbi minnha l-posizzjoni finanzjarja tieghu. Il-konvenuta takkuza lill-attur li huwa kien jittraskura l-familja u kien ihalliha tfendi ghar-rasha fit-trabbi ta' uliedhom. Finalment tghid li wara li huma sseparaw de facto l-attur kellu relazzjoni extra maritali ma' persuna indentifikata minnu u minn xhieda prodotti mill-istess konvenuta.

Illi din il-Qorti, wara ezami tal-provi, tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit legali li l-attur ma gab ebda prova konvincenti li twassal ghas-separazzjoni bi htija ta’ xi agir jew nuqqas serju da parti tal-konvenuta. Invece hemm cirkostanzi u fatti fl-agir ta’ l-attur li jwasslu ghall-konvinciment illi kien l-attur il-kagun tal-falliment taz-zwieg bl-imgieba tieghu verso familtu b’ghajjat, glied u tkissir, nuqqas ta’ kuranza tal-familja tieghu, kif ukoll l-imgieba u l-hajja tieghu ma terzi tas-sess oppost mindu telaq mid-dar konjugali fis-sena 1996.[2]

Ghaldaqstant l-ewwel talba ta’ l-attur hija gustifikata biss limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali; izda ma rrizultax li dan kien dovut ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

**[B] Access**

Illi fit-tieni talba tieghu l-attur qed jitlob li jkollu access liberu u ampju fil-konfront ta’ uliedu Carina u Kimberly. Mill-Atti tat-Twelid taghhom[3] jirrizulta li llum dawn ghandhom 18 u 13 il-sena rispettivament; u ghalhekk din it-talba tista’ tissussisti biss fil-konfront tat-tifla Kimberly.

In propositu l-perit legali osserva li, ghalkemm l-attur jixtieq li jara lil bintu Kimberly dana mhux qed jinsisti li jaraha bil-forza tal-ligi, gja la darba uliedu huma riluttanti li jmorru ma’ missierhom.

Fic-cirkostanzi jirrizulta car li jkun kontro produttiv u zgur mhux fl-interess tal-minuri li llum ghandha 13 il-sena li dina tigi mgieghla tmur ma’ missier f’ dati u hinijiet stipulati ghall-access. Huwa aktar ghaqli li fl-ewwel lok din il-minuri tinghata assistenza minn child psychologist biex tghinha tistabilixxi relazzjoni posittiva ma’ missierha;  u l-access jinghata fuq rakkomandazzjoni tal-psikologa jekk ikun fl-interess tat-tifla. Jidher li l-attur fehem il-posizzjoni ta’ bintu fil-konfront tieghu, meta qal li hu mhux qed jinsisti li jara lil bintu kontra l-volonta’ taghha. Intant il-Qorti tikkonferma li l-kura u kustodja tat-tifla Kimberly ghandha

[2] Fol.193

[3] Esebiti fil-kawza 361/03NC fl-ismijiet inversi

tibqa' fdata f' idejn il-konvenuta li ilha tiehu hsiebha minn mindu twieldet.

***Manteniment*** – F' dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li, ghalkemm ma kienx hemmx kontro talba mill-konvenuta ghal hlas tal-mantenimnet ghal minuri, dan il-fatt ma jostakolax lil din il-Qorti milli tipprovdi, f' din il-kawza ta' separazzjoni, dwar il-manteniment tat-tifla Kimberly li qeda tghix mal-konvenuta u li qeda fil-kura u kustodja ta' l-istess; anzi huwa doveruz fuq din il-Qorti li tipprovdi dwar dan, jekk mehtieg, fl-interess tal-istess minuri, u dan bis-sahha ta' l-Artikolu 149 tal-Kap.16.

In propositu jinsab ritenut fil-gurisprudena[4] li, nonostante li ma jkun hemm ebda talba ad hoc fl-att tac-citazzjoni ghal manteniment tal-minuri, xorta wahda l-Qorti ghandha s-setgha li tipprovdi dwar il-manteniment tal-minuri. Dan johrog car minn interpretazzjoni liberali ta' l-Art.56[3].

" … la darba l-Qorti nghatat espressament bil-ligi s-setgha li tipprovdi dwar il-kustodja ta' l-ulied, anke fin-nuqqas ta' talba ad hoc, allura isegwi li l-istess Qorti ghandha wkoll necessarjament[5] is-setgha li tipprovdi ghall-manteniment tal-minuri minghajr talba ad hoc; dana billi, sprovvist minn tali manteniment, f'hafna kawzi l-provvediment dwar kura u kustodja tal-minuri jkun, tista' tghid, kompletament ineffikaci fil-prattika."

Illi fil-kaz in disamina, il-manteniment dovut lit-tifla Kimberly jinsab stabbilit u kapitalizzat minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawza *[nru.361/02NC] fl-ismijiet C B vs AB* deciza llum. Din il-Qorti f' dik il-kawza ddecidiet li missier Kimberly, allura konvenut, ghandhu jhallas lill-attrici retta alimentarja ta' mitt Lira Maltin [Lm100] fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla Kimberly sakemm din tghalaq it-tmintax il-sena fit-13 ta' Frar 2010, liema rata giet kapitalizzata fis-somma ta' Lm4,000.

---

[4] *AC A vs B deciza fil-15.12.1997*
[5] Sottolinear ta' din il-Qorti

F'din il-kawza, ghalhekk din il-Qorti, fl-interess tal-minuri u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 precitat, ser tordna li din is-somma tigi mnaqqsa direttament mis-sehem ta' missierha tar-rikavat tal-bejgh tal-postijiet kif indikat aktar il-quddiem f' din is-sentenza; u dana bl-iskop uniku li jigi assigurat il-pagament tal-manteniment tal-minuri da parti ta' missierha.

**[C] Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi, wara li saret l-eskussjoni tal-perit legali, iz-zewg partijiet fl-udjenza tas-27 ta' April 2006 rrimettew ruhhom ghar-rapport peritali.

***Konsistenza***

Mill-provi jirrizulta li l-assi komunitarji jikkonsistu fis-segwenti:

[1] Il-fond matrimonjali bl-isem Paradise, Triq Dun Karm Sciberras, Mosta bil-garage mieghu valutat mill-partijiet fl-ammont ta' Lm105,000;

[2] Il-flat numru 3 f' Domar Flats, Triq Leonardo de Lucca Qawra valutat mill-partijiet fl-ammont ta' Lm28,000;

[3] Kreditu tal-konvenuta vis-à-vis il-komunjoni fl-ammont ta' Lm3,000 rapprezentanti kumpens ghat-telf li sofriet il-konvenuta rizultat tax-xiri taz-zwiemel da parti ta' l-attur;

[4] Ghodda fil-garage;

[5] Karozza Isuzu numru FBF 125;

[6] Karozza Toyota Land Cruiser;

[7] Karozza Ford Escort;

[8] L-ghamara ezistenti fid-dar matrimonjali, hlief ghal kcina li ghandha tibqa' tifforma parti mid-dar matrimonjali kompriza fil-valur li nghata, u dana skond ftehim raggjunt mill-partijiet;

[9] Zewg kontijiet bankarji f'isem C B mal-Bank of Valletta fl-ammonti rispettivi ta' Lm69.33 u Lm4.20

**Qsim**

Illi dwar il-qsim ta' l-assi, il-Qorti tikkondividi l-pjan ta' qasma maghmul mill-perit legali fir-rapport tieghu bl-aggustamenti kif indikati fin-nota tieghu tat-22 ta' Marzu 2006.[6]

Illi z-zewg fondi indikati that il-partita [1] u [2], u cioe' il-fond matrimonjali u l-flat tal-Qawra, dawna ghandhom jinbighu u r-rikavat jinqsam f' zewg porzjonijiet ugwali, wahda dovuta lill-attur u l-ohra lill-konvenuta.

Illi mill-mobbli jigu assenjati lill-attur is-segwenti: l-ghodda, il-karrozza Isuzu [FBF 125] u l-karozza Toyota Land Cruiser, indikati that il-partiti [4][5][6].

Lill-konvenuta jigu assenjati s-segwenti: is-somma ta' Lm3,000, il-karozza Ford Escort, u l-kontijiet bankarji, indikati fil-partiti [3][7] u [9], kif ukoll l-ghamara kollha ezistenti fil-fond matrimonjali [salv il-kcina] li l-partijiet ftehmu li ghandha tibqa' f'idejn il-konvenuta. Inoltre, hija dovuta lill-konvenuta s-somma ta' Lm3,712 ekwiparazzjoni kif indikat mill-perit legali fl-imsemmija nota.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi kif ser jinghad:

[1] Tilqa' l-ewwel talba limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijet, u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens li z-zwieg tkisser irremidjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur;

[2] Tilqa' t-tieni talba fil-limiti u fil-parametri tal-konsiderazzjonijiet maghmula that l-intestatura "[B] Access";

[3] Tichad it-tielet talba, stante li ma rrizultat ebda htija da parti tal-konvenuta;

[6] Rapport – Pg. 195 – 196, u Nota fol.208

[4] Tilqa' r-raba' talba u, filwaqt li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tiddikjara li l-assi tal-komunjoni jikkonsisti kif indikat that l-intestatura "Konsistenza" u tordna l-likwidazzjoni ta' l-istess ukoll kif fuq indikat u ghalhekk iz-zewg fondi indikati taht il-partiti [1] u [2], u cioe' il-fond matrimonjali u l-flat tal-Qawra, dawna ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam f'zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wahda tigi assenjata lill-konvenuta, u l-ohra tigi assenjata lill-attur wara li minn dan is-sehem tal-konvenut jitnaqqsu [1] is-somma ta' erbat elef lira maltin [Lm4,000] li ghandha tinghata lill-konvenuta bhala manteniment f' somma globali ghat-tifla Kimberly kif deciz fis-senenza fl-ismijiet inversu fuq citata; [2] is-somma ta' Lm3,000 dovuta lill-konvenuta kif fuq indikat; u [3] is-somma ta' Lm3,712 ewkiparazzjoni dovuta lill-konvenuta, ukoll kif fuq spjegat.

Illi mill-mobbli jigu assenjati lill-attur is-segwenti: l-ghodda, il-karozza Isuzu [FBF 125] u l-karozza Toyota Land Cruiser, indikat that il-partiti [4][5][6]; filwaqt li lill-konvenuta jigu assenjati s-segwenti: is-somma ta' Lm3,000, il-karrozza Ford Escort, u l-kontijiet bankarji, indikati fil-partiti [3][7] u [9], kif ukoll l-ghamara kollha ezistenti fil-fond matrimonjali, [salv il-kcina] li l-partijiet ftehmu li ghandha tibqa' f' idejn il-konvenuta. Inoltre, ghandha tigi assenjata lill-konvenuta s-somma ta' Lm3,712 ekwiparazzjoni kif indikat mill-perit legali fl-imsemmija nota;

[5] Tilqa' l-hames talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone biex jircevi l-att ta' divizjoni relattiv, u lill-Avukat Dottor Neville Camilleri biex jidher fuq l-istess att ghall-eventwali kontumaci; u dana fi zmien xaharejn f' data, hin u post fissati mill-imsemmi Nutar;

[6] Tichad is-sitt talba stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[7] Tilqa' it-talba numru seba;

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------